

**Brussell, 25 ta' Settembru 2024
(OR. en)**

13746/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0370(COD)**

**CODEC 1839
COMPET 952
BETREG 27
ENT 181
MI 812
PECHE 371
PE 221**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 7211/24	
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda r-Regolament (UE) Nru 1379/2013, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 u r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti rekwiżiti ta' rappurtar – Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew u l-proċedura ta' Rettifika (Strażburgu, 28 ta' Frar 2024 u 17 ta' Settembru 2024)

I. INTRODUZZJONI

Saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl leġiżlattiv fl-ewwel qari.

Dan il-fajl kien mistenni* jgħaddi mill-proċedura ta' Rettifika† fil-Parlament Ewropew wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari mill-Parlament Ewropew li temm il-mandat tiegħu.

* 10819/24 + COR 1.

† Regola 251, Regoli ta' Proċedura tal-PE.

II. VOT

Fis-seduta tiegħu tat-28 ta' Frar 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, bl-inkorporazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti), u risoluzzjoni leġislattiva. Hija tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru b'mod proviżorju bejn l-Istituzzjonijiet.

Wara finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti tat-test adottat, fis-17 ta' Settembru 2024 il-Parlament Ewropew approva rettifika għall-pożizzjoni adottata fl-ewwel qari.

B'din ir-rettifika, il-Kunsill għandu jkun jista' japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness ta' dan, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att imbagħad ikun adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.*

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P9_TA(2024)0103

Rekwiżiti ta' rappurtar

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Frar 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1379/2013, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 u r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar (COM(2023)0643 – C9-0388/2023 – 2023/0370(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2023)0643),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 43(2) u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0388/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2023,¹
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0009/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-28 ta' Frar 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1379/2013, (UE) Nru 167/2013 u (UE) Nru 168/2013 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ¹,

Wara li kkonsultaw mal-Komitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ²

¹ ĠU C, C/2024/1587, 5.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1587/oj>.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Frar 2024 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

Billi:

- (1) Ir-rekwiżiti ta' rapportar għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar ta' monitoraġġ xieraq u infurzar korrett tal-atti legali tal-Unjoni.. Madankollu, huwa importanti li tali rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li kienu maħsuba għalih u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv.
- (2) Għalhekk, is-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar u t-tnaqqis tal-piżamministrattiv huma prijorità. Ir-Regolamenti (UE) Nru 1379/2013¹, (UE) Nru 167/2013² u (UE) Nru 168/2013³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fihom numru ta' rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq li jenħtieġ li jiġu ssimplifikati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023, bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030".
- (3) Dan ir-Regolament ineħħi u jissimplifika r-rekwiżiti ta' rapportar li ma għadhomx meqjusa meħtieġa fil-qasam tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura u li jaffettwaw l-industrija tas-sajd u fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 jipprovdi li r-regoli li jistabbilixxu standards komuni tal-kummerċjalizzazzjoni, b'mod partikolari dawk stabbiliti, *inter alia*, fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2406/96⁴ għandhom jibqgħu japplikaw.
- (5) L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2406/96 jeħtieġ li kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni lista tal-ismijiet u l-indirizzi tal-esperti u l-organizzazzjonijiet kummerċjali maħtura biex jikklassifikaw il-prodotti tas-sajd

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52)..

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2406/96 tas-26 ta' Novembru 1996 li jistabbilixxi standards komuni għall-marketing għal ċerti prodotti tal-industrija tas-sajd (ĠU L 334, 23.12.1996, p. 1).

għall-freskezza u d-daqs mhux aktar tard minn xahar qabel id-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament, u li sussegwentement għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe emenda fil-lista. Peress li dak ir-rekwiżit huwa skadut u ma għadux meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, jenħtieġ li ma jibqax japplika.

- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 jistabbilixxi r-regoli dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija.
- (7) L-Artikoli 74 u 75 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 jirrikjedu li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u tal-approvazzjonijiet tal-vetturi individwali rispettivament, u jirrikjedu li l-Kummissjoni tissottometti rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fl-2022, il-Kummissjoni wettqet studju dwar il-kwistjonijiet soġġetti għal dawk l-obbligi ta' informazzjoni u ta' rapportar. Peress li dak l-istudju ddetermina li l-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u tal-approvazzjoni tal-vetturi individwali huma sodisfaċenti, jenħtiegħ li dawk l-obbligi ta' informazzjoni u ta' rapportar majibqgħux japplikaw.
- (8) Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 jistabbilixxi r-regoli dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u għall-kwadriċikli.
- (9) L-Artikoli 78 u 80 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 jirrikjedu li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u tal-approvazzjonijiet tal-vetturi individwali rispettivament, u jirrikjedu li l-Kummissjoni tissottometti rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fl-2022, il-Kummissjoni wettqet studju dwar il-kwistjonijiet soġġetti għal dawk l-obbligi ta' informazzjoni u ta' rapportar. Peress li dak l-istudju ddetermina li l-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u tal-approvazzjoni tal-vetturi individwali huma sodisfaċenti, jenħtiegħ li dawk l-obbligi ta' informazzjoni u ta' rapportar ma jibqgħux japplikaw.

- (10) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fir-Regolamenti (UE) Nru 1379/2013, (UE) Nru 167/2013 u (UE) Nru 168/2013, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.
- (11) Għalhekk, ir-Regolamenti (UE) Nru 1379/2013, (UE) Nru 167/2013 u (UE) Nru 168/2013 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1379/2013

Fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, ir-regoli li jistabbilixxu standards komuni għall-kummerċjalizzazzjoni, b'mod partikolari dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2136/89*, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1536/92** u r-Regolament tal-Kunsill (KE) 2406/96***, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 13 tiegħu, għandhom ikomplu japplikaw. Ir-regoli adottati għall-applikazzjoni ta' standards komuni tal-kummerċjalizzazzjoni, bħal dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3703/85****, għandhom ikomplu japplikaw.

* Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2136/89 tal-21 ta' Ġunju 1989 li jippreskrivi standards komuni ta' marketing għal sardin ippriservat u deskrizzjonijiet kummerċjali għal sardin ippriservat u prodotti tat-tip tas-sardin (ĠU L 212, 22.7.1989, p. 79).

** Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1536/92 tad-9 ta' Ġunju 1992 li jippreskrivi l-istandards ta' marketing komuni għat-tonn u għall-plamtu/tumbrell priservat (ĠU L 163, 17.6.1992, p. 1).

*** Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2406/96 tas-26 ta' Novembru 1996 li jistabbilixxi standards komuni għall-marketing għal ċerti prodotti tal-industrija tas-sajd (ĠU L 334, 23.12.1996, p. 1).

**** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3703/85 tat-23 ta' Diċembru 1985 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' livelli komuni fis-suq għal ċertu ħut frisk jew imkessaħ (ĠU L 351, tat-28.12.1985, p. 63).".

Artikolu 2
Emendi għar-Regolament (UE) Nru 167/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 74 jiġihassar

- (2) L-Artikolu 75 jitħassar.

Artikolu 3

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 168/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 78 jitħassar.

- (2) L-Artikolu 80 jitħassar.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President